.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar, 2002**

**Numru 1**

**Cit. Nru. 124/00(F1) GCD**

**Simonds Farsons Cisk Plc.**

**Vs**

**Bella Luna Company Limited u David Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li qalet:

Illi bi skrittura li ggib id-data tal-1 ta' Frar, 1996, id-ditta attrici ghaddiet lill-konvenut is-somma ta' Lm3,100, fil-waqt li l-konvenut, li kien jiggestixxi l-istabillimenti maghrufa bl-isem ta' "Chains Restaurant", San Giljan, obbliga ruhu "not to sell, exhibit or put up for sale any beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters except those beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters

produced or marketed by the Company", cioe` ta' dik attrici, u dana ghall-perijodu ta' hames snin sakemm il-konvenut jiskonta s-somma moghtija lilu b'"discounts" fuq prodotti mixtrija minghand id-ditta attrici;

Illi meta sar dan il-ftehim, il-konvenut kellu diga` jaghti lid-ditta attrici s-somma ta' Lm1,900, li gie rikonoxxut mill-konvenut fl-istess ftehim;

Illi l-konvenut kiser dan il-ftehim u, ghalhekk, il-konvenut ghandu jitqies li ddekada mill-beneficcju tat-terminu moghti lilu u ghandu jigi kkundannat ihallas kull bilanc dovut;

Illi mill-imsemmija somma ta' Lm3,100, il-konvenut skonta biss parti minnha, u, mehud kont tad-debitu precedenti, ghandu jhallas il-bilanc ta' Lm4,066.81;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas din is-somma, anke ufficjalment, baqa' inadempjenti;

Illi l-konvenut m'ghandux eccezzjoni xi jgib kontra t-talba ghall-hlas;

Talbet illi din il-Qorti, prevja d-dispensa tas-smigh tal-kawza in vista tad-dikjarazzjoni

guramentata tal-attur u ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

1. tiddikjara li l-konvenuti agixxew bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi u ghandhom, ghalhekk, jirrifondu lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm4,066.81, u konsegwentement

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm4,066.81 (erbat elef u sitta u sittin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmi) dovuti lilha kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 1999, u bl-imghaxijiet legali tat-8% mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota li biha l-attrici naqqset it-talba ghal Lm3,947.42, oltre l-imghax u l-ispejjez;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif imnaqqsa;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif imnaqqsa, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm